IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.8.2021
COM(2021) 441 final

2021/0252 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1] ("id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fl-1 ta' Marzu 2021, il-Polonja talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżura ta' deroga li tikkonsisti fil-konċessjoni ta' eżenzjoni mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx ogħla mill-ekwivalenti ta' EUR 40 000 fil-munita nazzjonali sal-31 ta' Diċembru 2024.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra ddatata l-25 ta' Marzu 2021, u lil Ċipru fis-26 ta' Marzu 2021 bit-talba tal-Polonja. Permezz ta' ittra ddatata d-29 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Polonja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tikkunsidra t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri biex japplikaw skemi speċjali għall-impriżi ż-żgħar, inkluża l-possibbiltà li jeżentaw lil persuni taxxabbli b'fatturat annwali inqas minn ċertu livell. Din l-eżenzjoni timplika li persuna taxxabbli ma għandhiex għalfejn timponi l-VAT fuq il-provvisti tagħha, u b'konsegwenza ta' dan, ma tistax tnaqqas il-VAT minn fuq l-inputs tagħha.

Skont l-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-VAT, Stati Membri partikolari li l-adeżjoni tagħhom seħħet wara l-1 ta' Jannar 1978 jistgħu jeżentaw lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx ogħla mill-ekwivalenti fil-munita nazzjonali tal-ammonti bir-rata tal-kambju dakinhar tal-adeżjoni tagħhom, kif speċifikat f'dik id-dispożizzjoni.

Skont il-punt 14 tal-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-VAT, il-Polonja tista' teżenta lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx ogħla mill-ekwivalenti ta' EUR 10 000 fil-munita nazzjonali .

Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/790/KE[2], il-Polonja ġiet awtorizzata teżenta mill-VAT sal-31 ta' Diċembru 2012 lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx ogħla mill-ekwivalenti ta' EUR 30 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha. Il-Polonja introduċiet din il-miżura fil-liġi fiskali nazzjonali f'żewġ stadji: mill-1 ta' Jannar 2010, il-limitu tal-eżenzjoni żdied għal PLN 100 000, u mill-1 ta' Jannar 2011, reġa' żdied għal PLN 150 000.

Sussegwentement, l-awtorizzazzjoni biex tapplika dik il-miżura speċjali ġiet estiża bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/769/UE[3] sal-31 ta' Diċembru 2015 u bid-

[1] ĠU L 347, 11.12.2006, p.1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2009 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 283, 30.10.2009, p. 53–54).

[3] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja li tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1173[4] sal-31 ta' Diċembru 2018. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2090[5] żiedet il-livell limitu tal-eżenzjoni għall-ekwivalenti ta' EUR 40 000 fil-munita nazzjonali. Il-Polonja implimentat din il-miżura fl-1 ta' Jannar 2017 billi żiedet il-livell limitu għall-eżenzjoni mill-VAT għall-impriżi ż-żgħar għal PLN 200 000 tal-fatturat annwali. Din l-iskema hija attwalment fis-seħħ abbażi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1919, li tawtorizza lill-Polonja tapplika din id-deroga sal-31 ta' Diċembru 2021[6].

Awtorizzazzjoni biex l-eżenzjoni tkompli tintuża wara l-2021 għal persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhuwiex ogħla mill-ekwivalenti ta' EUR 40 000 f'PLN tkun simplifikazzjoni sinifikanti għall-persuni li joperaw impriżi relattivament żgħar. Il-persuni taxxabbli koperti minn din l-eżenzjoni ma għandhomx għalfejn inaqqsu u jħallsu l-VAT, ikunu rreġistrati għall-VAT jew iżommu rekord dettaljat sħiħ tat-tranżazzjonijiet soġġetti għall-VAT. Bis-saħħa ta' dawn is-simplifikazzjonijiet, is-sidien ta' impriżi ż-żgħar jistgħu jiddedikaw aktar ħin u riżorsi biex jiżviluppaw in-negozju tagħhom. Il-miżura ta' deroga tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabbli.

Barra minn hekk, l-ispiża tal-ġbir tal-VAT minn persuni taxxabbli li joperaw impriżi b'fatturat relattivament baxx, li jirriżulta mill-forniment ta' servizzi tal-kontribwenti lil dawn il-persuni taxxabbli u l-awditjar tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tagħhom, hija sproporzjonatament għolja meta mqabbla mal-ammont ta' taxxa miġbura. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni ta' eżenzjoni mill-VAT għas-sidien ta' impriżi żgħar, l-amministrazzjoni tad-dħul tista' tidderieġi aktar riżorsi lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, u lejn it-titjib tal-kwalità tas-servizzi tal-kontribwenti u l-effettività tal-ġbir tal-VAT minn operaturi ta' impriżi fuq skala kbira.

Il-miżura ma taffettwax b'mod sinifikanti l-ammont totali ta' dħul mill-VAT jew l-ammont globali tad-dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali.

Il-miżura ta' deroga li tissimplifika l-obbligi tal-operaturi ż-żgħar, hija konformi mal-objettivi stabbiliti mill-Unjoni Ewropea għan-negozji ż-żgħar.

Għalhekk, huwa xieraq li l-Polonja tiġi awtorizzata tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżura ta' deroga hija konformi mal-objettivi tad-Direttiva (UE) 2020/285 li temenda l-Artikoli minn 281 sa 294 tad-Direttiva tal-VAT dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar, li

---

tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 338, 12.12.2012, p. 27–28).

4 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1173 tal-14 ta' Lulju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 189, 17.7.2015, p. 36–37).

5 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2090 tal-21 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 324, 30.11.2016, p. 7–8).

6 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1919 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 311, 7.12.2018, p. 32–33).

rriżultat mill-pjan ta' azzjoni tal-VAT[7], u għandha l-għan li toħloq skema moderna u simplifikata għal dawn l-impriżi. B'mod partikolari, għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet tal-konformità mal-VAT u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fil-livell domestiku u dak tal-UE, tnaqqas l-impatt negattiv tal-effett tal-livell limitu u tiffaċilita kemm il-konformità tal-impriżi kif ukoll il-monitoraġġ mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

Barra minn hekk, il-livell limitu ta' EUR 40 000 huwa konsistenti mad-Direttiva (UE) 2020/285, sa fejn jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu l-livell limitu tal-fatturat annwali meħtieġ għal eżenzjoni mill-VAT f'livell mhux ogħla minn EUR 85 000 (jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali).

Stati Membri oħra ngħataw derogi simili li jeżentaw mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom huwa inqas minn ċertu livell limitu, kif previst fl-Artikoli 285 u 287 tad-Direttiva tal-VAT. In-Netherlands[8] ingħataw livell limitu ta' EUR 25 000; l-Italja[9] ngħatat livell limitu ta' EUR 30 000; Il-Belġju ngħata livell limitu ta' EUR 25 000[10], u l-Lussemburgu[11] livell limitu ta' EUR 35 000; il-Latvja[12], u l-Estonja[13] ngħataw livell limitu ta' EUR 40 000; il-Litwanja[14] ngħatat livell limitu ta' EUR 55 000; il-Kroazja[15] ngħatat livell limitu ta' EUR 45 000 u Malta[16] livell limitu ta' EUR 20 000; l-Ungerija[17] ngħatat livell

---

7 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT – Lejn żona unika tal-VAT fl-UE – Iż-żmien biex niddeċiedu COM(2016)148 final.

8 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1904 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lin-Netherlands jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 310, 6.12.2018, p. 25).

9 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1988 tat-8 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/678/UE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 306, 15.11.2016, p.11-12).

10 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2077 tal-20 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/53/UE li tawtorizza lir-Renju tal-Belġju biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 331, 28.12.2018, p. 222–223).

11 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2210 tad-19 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 332, 23.12.2019, p. 155).

12 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1261 tal-4 ta' Settembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2408 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja sabiex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 296, 10.9.2020, p. 4–5).

13 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/358 tat-22 ta' Frar 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/563 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 69, 26.2.2021, p. 4–5).

14 Id-Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/86 tat-22 ta' Jannar 2021 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja sabiex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 30, 28.1.2021, p. 2–3).

15 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1661 tat-3 ta' Novembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1768 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Kroazja tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 374, 10.11.2020, p. 4–5).

16 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/753 tas-6 ta' Mejju 2021 li tawtorizza lil Malta biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/279 (ĠU L 163, 10.5.2021, p. 1–2)

limitu ta' EUR 48 000; is-Slovenja[18] ngħatat livell limitu ta' EUR 50 000; u r-Rumanija[19] ngħatat livell limitu ta' EUR 88 500.

Jenħtieġ li d-derogi mid-Direttiva tal-VAT ikunu dejjem limitati fiż-żmien biex ikunu jistgħu jiġu vvalutati l-effetti tagħhom. Barra minn hekk, l-inklużjoni ta' data ta' skadenza tal-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2024, kif mitlub mill-Polonja, hija allinjata mar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2020/285 dwar regoli tal-VAT aktar sempliċi għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju. Dik id-Direttiva tipprevedi l-1 ta' Jannar 2025 bħala d-data li fiha l-Istati Membri jkollhom japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali, li huma obbligati jadottaw sabiex jikkonformaw magħha.

Għalhekk, il-miżura proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Kummissjoni ilha konsistentement tenfasizza l-bżonn li jkun hemm regoli aktar sempliċi għall-impriżi ż-żgħar. F'dan ir-rigward, f'Marzu 2020 il-Kummissjoni adottat Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali[20], fejn impenjat ruħha li tkompli taħdem biex tnaqqas il-piż fuq l-SMEs. L-objettiv li jitnaqqas il-piż regolatorju għall-SMEs huwa wieħed mill-pilastri ta' din l-istrateġija. Din il-miżura speċjali hija f'konformità ma' tali objettivi, f'dak li jirrigwarda r-regoli fiskali. Hija konsistenti wkoll mal-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 dwar tassazzjoni ġusta u sempliċi li jappoġġa l-istrateġija ta' rkupru[21], li jirrikonoxxi li l-ispejjeż tal-konformità mar-regoli tat-taxxa għadhom għoljin fl-UE, u li l-ispejjeż tal-konformità huma tipikament sostanzjalment ogħla għal kumpaniji żgħar milli għal kumpaniji kbar.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru b'talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

---

17 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1490 tat-2 ta' Ottubru 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 252, 8.10.2018, p. 38).

18 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1700 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/54/UE li tawtorizza lir-Repubblika tas-Slovenja biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 285, 13.11.2018, p. 78).

19 Id-Deċiżjoni Ta' Implimentazzjoni Tal-Kunsill (UE) 2020/1260 tal-4 ta' Settembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1855 li tawtorizza lir-Rumanija tapplika miżura speċjali ta' deroga għall-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 296, 10.9.2020, p. 1–3).

20 COM(2020) 103 final.

21 COM(2020) 312 final.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hi proporzjonata mal-għan li għandu jintlaħaq, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxi għall-persuni taxxabbli żgħar u għall-amministrazzjoni tat-taxxa.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, huwa possibbli li tingħata deroga mir-regoli komuni tal-VAT biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu għal proposta tal-Kummissjoni. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq billi tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Il-proposta attwali hija bbażata fuq talba li saret mill-Polonja u tikkonċerna biss dan l-Istat Membru partikolari.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapplika livell limitu tal-fatturat annwali li l-persuni taxxabbli b'fatturat inqas minnu jistgħu jiġu eżentati mill-VAT testendi l-miżura ta' simplifikazzjoni li tneħħi ħafna mill-obbligi tal-VAT għall-impriżi li joperaw b'fatturat annwali ta' mhux aktar minn EUR 40 000.

Il-persuni li d-dħul taxxabbli tagħhom ma jaqbiżx il-livell limitu mhux se jkollhom jirreġistraw biex jiġu identifikati għal skopijiet ta' VAT, u għaldaqstant il-piż amministrattiv fuqhom se jitnaqqas bħala riżultat tal-miżura, billi huma ma jkollhomx għalfejn iżommu rekords tal-VAT jew jippreżentaw dikjarazzjoni tal-VAT. Se jkun hemm ukoll tnaqqis fl-ammont ta' xogħol għall-awtoritajiet tat-taxxa. Dan se jkollu impatt potenzjalment pożittiv fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-persuni taxxabli attwalment irreġistrati għall-VAT fil-Polonja, u sussegwentement fuq l-amministrazzjoni tat-taxxa.

Skont il-Polonja, fil-31 ta' Diċembru 2019, 4 014 354 kumpanija (eskluži persuni fiżiċi li joperaw azjendi agrikoli individwali biss) ġew irreġistrati fir-Reġistru Kummerċjali Uffiċjali Nazzjonali (REGON). Dak iż-żmien il-popolazzjoni tal-Polonja kienet 38 382 576.

L-għadd ta' kumpaniji li ddikjaraw li kienu qed joperaw impriża b'għadd ta' persunal antiċipat ta' mhux aktar minn disa' persuni kien 3 853 900. Dan jammonta għal 96 % tal-kumpaniji kollha. Id-*data* tikkonferma b'mod ċar li l-mikroentitajiet jippredominaw fil-Polonja.

L-impatt annwali stmat biex titkompla l-applikazzjoni tal-livell limitu miżjud tal-eżenzjoni fl-ammont ekwivalenti ta' PLN minn EUR 10 000 previsti fl-Artikolu 287, il-punt (14), tad-Direttiva 2006/112/KE sa EUR 40 000, jekk il-persuni taxxabbli intitolati kollha jagħmlu użu minn din l-eżenzjoni volontarja, jammonta għal madwar PLN 1,6 biljun, li jikkorrispondi għal madwar 0,9 % tad-dħul tal-baġit tal-istat mill-VAT fl-2019. Nixtiequ nenfasizzaw li l-Polonja ilha tapplika l-ogħla limitu tal-eżenzjoni għal aktar minn 10 snin – mill-1 ta' Jannar 2017 fl-ammont ta' PLN ekwivalenti għal EUR 40 000 (PLN 200 000).

Skont id-*data* disponibbli għall-2019, l-eżenzjoni mill-VAT tkun tkopri madwar 300 694 persuna taxxabbli li l-fatturat tagħhom huwa bejn l-EUR 10 000 u l-EUR 40 000. L-effett huwa negliġibbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 tat-30 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud[22], mhu se jsir l-ebda kalkolu ta' kumpens mill-Polonja mid-dikjarazzjoni tar-riżorsi proprji tal-VAT mis-sena finanzjarja 2021 'il quddiem.

[22] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 tat-30 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 165, 11.5.2021, p. 9–14).

2021/0252 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 287, il-punt (14) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Polonja tista' teżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud ("il-VAT") lil persuni soġġetti għat-taxxa li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-ekwivalenti ta' EUR 10 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2009/790/KE[2], tawtorizza lill-Polonja biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE biex teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx EUR 40 000 ("il-miżura ta' deorga").

(3) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1919[3] il-Polonja kienet awtorizzata biex tkompli tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2021, jew sad-dħul fis-seħħ ta' direttiva li temenda d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli minn 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE, skont liema data tiġi l-ewwel.

(4) B'ittra tal-1 ta' Marzu 2021, il-Polonja talbet lill-Kummissjoni għal awtorizzazzjoni biex tibqa' tapplika l-miżura ta' deroga [li tikkonsisti fil-konċessjoni ta' eżenzjoni mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar mill-ekwivalenti ta' EUR 40 000 fil-munita nazzjonali] sal-31 ta' Diċembru 2024.

(5) F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra ddatata l-25 ta' Marzu 2021, u lil Ċipru fis-26 ta' Marzu 2021 bit-talba tal-Polonja. Permezz ta' ittra ddatata d-29 ta'

[1] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/790/KE tal-20 ta' Ottubru 2009 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 283, 30.10.2009, p. 53–54).

[3] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1919 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 311, 7.12.2018, p. 32).

Marzu 2021, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Polonja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tikkunsidra t-talba.

(6) Il-miżura ta' deroga hija konformi mal-objettivi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" – "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa[4].

(7) Fuq il-bażi tal-informazzjoni li pprovdiet il-Polonja, il-miżura ta' deroga se jkollha biss impatt negliġibbli fuq l-ammont globali tad-dħul mit-taxxa miġbur mill-Polonja fl-istadju tal-konsum finali. Il-persuni taxxabbli xorta jistgħu jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT.

(8) Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 tat-30 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud[5], mhu se jsir l-ebda kalkolu ta' kumpens mill-Polonja mid-dikjarazzjoni tar-riżorsi proprji tal-VAT għas-sena finanzjarja 2021 'il quddiem.

(9) Minħabba l-impatt pożittiv potenzjali tal-miżura ta' deroga fit-tnaqqis tal-piż amministrattiv u l-ispejjeż għall-impriżi żgħar, jenħtieġ li l-Polonja tkun awtorizzata tapplika l-miżura ta' deroga għal perjodu ulterjuri.

(10) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285[6] li temenda l-Artikoli minn 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u li tistabbilixxi regoli ġodda għall-impriżi ż-żgħar, inkluż il-livell limitu massimu tal-fatturat annwali tal-Istat Membru ta' EUR 85 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali.

(11) Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata l-miżura ta' deroga tkun limitata fiż-żmien. Jenħtieġ li l-limitu ta' żmien ikun biżżejjed biex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-effettività u l-adegwatezza tal-livell limitu. Barra minn hekk, skont id-Direttiva (UE) 2020/285, sal-31 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri jridu jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikolu 1 ta' dik id-Direttiva, u japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2025. Għalhekk, huwa adatt li l-Polonja tiġi awtorizzata tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024.

(12) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2009/790/KE tiġi emendata skont dan.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2009/790/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

---

4 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa, Brussell, 25.6.2008 KUMM(2008)394 finali.

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 tat-30 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 165, 11.5.2021, p. 9–14).

6 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 13–23).

“Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta’ Jannar 2010 sal-31 ta’ Diċembru 2024.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President